MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 88/2008

**Talba Nru: 88/08 PBC**

**Embassy Cinemaworld Limited (C – 26852)**

**-vs-**

**Joseph Galea K.I. 194663(M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici ippremettiet illi:

Is-socjetà Embassy Cinemaworld Limited ("Embassy") kienet laqghet il-proposta tal-konvenut Galea li jixtri biljetti tac-cinema ghall-wiri tal-film "Ratatouille" ghall-minimu ta' hames mitt (500) persuna.

Ghal dan il-ghan l-Embassy kienet zammet tliet swali tac-cinema vojta sabiex il-film jintwera kif mitlub mill-konvenut fl-20 t'Ottubru, 2007 fl-10.00.

Il-konvenut Galea mpenja ruhu li jixtri l-biljetti tac-cinema bil-prezz ta' tliet Euro u sitta u ghoxrin centezmu (€3.26) - (Lm1.40) u sussegwentement jaghti voucher lil kull min jonfoq certu ammont mill-hanut tieghu liema voucher imbaghad ikun jista' jissarraf fic-cinema tal-Embassy sabiex jara dan il-film partikolari. Skond dan l-arrangament l-adulti li jircievu l-voucher u li xtaqu jaraw dan il-film kien ikollhom zidu lil Embassy id-differenza fil-prezz tal-biljett.

Dan l-arrangament bejn l-Embassy u l-konvenut kien intlahaq permezz ta' skambju ta' emails.

F'dan il-ftehim il-konvenut kien obbliga ruhu illi jhallas hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) depozitu fuq hames mitt (500) biljett mhux aktar tard mill-1 t'Ottubru, 2007. Il-bilanc kellu jithallas sa xahar wara d-data tal-fattura relattiva.

Il-konvenut Galea kien verbalment ikkonferma li huwa kien qassam 500 biljett.

Wara li l-konvenut Galea kien informa lil Embassy li l-ewwel cheque rapprezentanti d-depozitu kien intilef fil-posta, dakinhar stess li ntwera l-film, il-konvenut ghadda c-cheque fl-ammont t'erba' mija u sebgha Euro u erbgha u sittin centezmu (€407.64) - (Lm175) lil Embassy madankollu dan ic-cheque ma setax jissarraf.

Dwar dan is-socjetà Embassy informat lill-konvenut li wieghed li kellu jara s-sitwazzjoni finanzjarja tieghu mal-bank.

Kif kien gie maqbul, is-socjetà Embassy harget ukoll il-fattura relattiva ghas-somma t'elf, sitt mija u hamsa u ghoxrin Euro u disghin centezmu (€1,625.90) din is-somma kienet tirrapprezenta bejgh ta' 500 biljett tac-cinema ghal wiri tal-film "Ratatouille" li Galea mpenja ruhu li jixtri.

Madankollu, nonostante l-hrug tal-fattura u diversi tentattivi da parti tas-socjetà Embassy sabiex isir dan il-hlas, u nonostante diversi weghdiet da parti tal-konvenut Galea li dan il-hlas ser isir, il-konvenut baqa' ma hallasx.

Ghalhekk kellhom jinbdew dawn il-proceduri.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux:

1. Jiddikjara li l-konvenut huwa debitur tas-socjetà Embassy fl-ammont t'elf, sitt mija u hamsa u ghoxrin Euro u disghin centezmu (€1,625.90).

2. Jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà Embassy l-imsemmi ammont.

Bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Sema' x-xhieda ta' Bettina Azzopardi li kkonfermat it-talba attrici bil-gurament u ghalhekk t-talba attrici giet debitament provata.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma t'elf, sitt mija u hamsa u ghoxrin Euro u disghin centezmu (€1,625.90) – (Lm698), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------